**Warda maħruba**

L-aħbar ġriet bħal berqa
Li inqala' bosta nkwiet,
Minn sliem hekk ferrieħi
Sar issa wied ta' ġlied.

Minn palazz imsebbaħ
Sar issa trab tal-ġir,
Kulħadd dieħel jara
Hekk kien jinħtieġ li jsir.

Fittxewha l-magħrufa
Mal-irjieħ tad-dinja,
l-imgħallma, l-imħarrġa
Fejn marret? F'liem binja?

Għebet fis-skiet w sahra
Biex qatt ma terġa' tmur,
Riedet issa timxi
'Il quddiem b'kull unur.

Jibqgħu isemmuha
Għalkemm itul iż-żmien,
Bnedmin li jħobbuha
Tibqa' f'qalbhom bla tmiem.

Warda bajda, rari
Qastanija, ħlewwa,
Kellha ukoll tgħaddi
Minn xebgħa ta' dnewwa.

Ħalli l-kbir w s-setgħani
Jagħmel hu l-veru ħaqq,
Forsi din l-istorja
Ma tibqax f'dan l-isqaq.

U dil-warda li tfuħ
Hekk sbejħa w midruba,
Tista' tgħix ħajjitha
Il-warda maħruba.

Patri Mario Attard OFM Cap
10 ta' Diċembru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.